Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,180, 27 ta' Ottubru, 1995
Taqsima B

A.L. 152 ta' l-1995

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)
Statut I 20 — L-Istatut għaċ-Ċentru għall-Għawdex ta' l-Università

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28 (h), 31 (2) u 33 (c) ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut għaċ-Ċentru għall-Għawdex ta' l-Università.

Twaqqif taċ-Ċentru

2. B'dan l-istatut qed jitwaqqaf iċ-Ċentru għall-Għawdex ta' l-Università li minn hawn 'il quddiem qed jissejjaħ bħala "ċ-Ċentru".

Skop taċ-Ċentru

3. Iċ-Ċentru għandu dawn l-iskopijiet:

(a) li jgħin fil-loġistika u aspetti simili ta' korsijiet li jwasslu għal grad, diploma jew ċertifikat li l-Università tista' torganizza minn żmien għal ieħor f'Għawdex;

(b) li jorganizza konferenzi, seminarji u attivitajiet simili f'Għawdex;

(ċ) li jġib 'il quddiem ir-riċerka f'materji dwar Għawdex;

(d) li jiżviluppa kuntatti ma' għaqdiet Għawdxin biex jiġu organizzati attivitajiet flimkien magħhom;

(e) li jagħmel kull attività oħra li sservi u twassal għall-iskopijiet hawn fuq imsemmija.

Bord ta' Tmexxija

4. Iċ-Ċentru għandu jkun immexxi minn Bord li jkun magħmul minn:

Chairman: Ir-Rettur jew id-delegat tiegħu;

Viċi-Chairman: Id-Direttur taċ-Ċentru;

Membri: Persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Università;
Erba' persuni maħtura mis-Senat;
Membru maħtur mill-Ministru għall-Għawdex;
Student elett mill-istudenti u minn fosthom li jkunu qed isegwu kors li jwassal għal grad jew diploma fiċ-Ċentru;
Ir-Reġistratur jew id-delegat tiegħu li jservi bħala Segretarju tal-Bord;
L-Uffiċjal tal-Finanzi jew id-delegat tiegħu li jservi bħala t-Teżorier tal-Bord;
Id-Direttur-Ġenerali tal-Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali jew id-delegat tiegħu.

Funzjonijiet tal-Bord

5. Il-funzjonijiet tal-Bord għandhom ikunu:

(a) li jfassal il-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru biex jintlaħqu l-għanijiet taċ-Ċentru, kif jidher fl-artikolu 3 ta' dan l-Istatut;

(b) li jissottometti l-estimi ta' kull sena għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università u li jieħu ħsieb l-amministrazzjoni finanzjarja taċ-Ċentru;

(ċ) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lis-Senat għall-introduzzjoni ta' korsijiet f'Għawdex li jwasslu għal ċertifikat, diploma jew grad, u li jipproponi lill-Fakultà rilevanti r-regolamenti u l-ordinamenti għat-tmexxija ta' dawn il-korsijiet;

(d) li jipproponi lill-Fakultà rilevanti l-ħatra ta' membri li jservu fuq il-bord ta' l-istudji u l-ħatra ta' koordinaturi għal korsijiet, iżda l-Bord innifsu jista' jaħtar ko-ordinaturi għal korsijiet u għall-ħidmiet oħra taċ-Ċentru li ma jwasslux għall-għoti ta' grad jew diploma;

(e) li jaħtar membri ta' l-istaff mhux akkademiku għall-ħatriet stabbiliti iżda biss għal perijodi f'dik is-sena li għalihom l-estimi jkunu ġew approvati.

Il-Laqgħat tal-Bord

6. Il-Bord għandu jiltaqa' mill-inqas tliet darbiet fis-sena, u r-regolamenti tal-proċedura tal-laqgħat jitfasslu mill-Bord innifsu, sakemm id-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' materji finanzjarji jkunu jaqblu ma' l-estimi annwali taċ-Ċentru.

Id-Direttur taċ-Ċentru

7. Id-Direttur ikun responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum taċ-Ċentru, skond il-politika stabbilita mill-Bord, għat-thejjija ta' l-estimi ta' kull sena u tar-rapport ta' l-attivitajiet taċ-Ċentru biex jiġu ippreżentati lill-Kunsill ta' l-Università. L-Uffiċjal tal-Finanzi ta' l-Università jkun it-Teżorier taċ-Ċentru.

8. Emendi għal dan l-istatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord iżda jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.